# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 16**
**Rik. Nru. 540/14 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 1042/12 u fl-atti tac-Cedola ta` Depozitu Numru 115/2013, fl-atti tac-Cedola ta` Depozitu Numru 1499/2011 u fl-atti tac-Cedola ta` Depozitu Numru 1611/2011 fl-ismijiet :**

**V&C Contractors Limited (C13748)**

***kontra***

**Marinelli Costruzioni S.p.A (OC537)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-20 ta` Gunju 2014 li jaqra hekk :–

*Illi wara diversi Mandati ta` Sekwestru mahruga minn diversi kredituri tas-socjeta` Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma komplessiva ta` erbghin elf u sebgha u erbghin euro u sebgha u tletin centezmu (€40,047.37) permezz ta` numru ta` cedoli hawn taht imsemmija :-*

*a) Cedola ta` Depozitu numru 115/2013 tal-Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma, wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 438/2012 fl-ismijiet Saliba Bros Limited (C 2295) v Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. 'V&C 1', li permezz taghha giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma ta` sebgha u ghoxrin elf, mitejn wiehed u disghin euro u disgha u tletin centezmu (€27,291.39).*

*b) Cedola ta` Depozitu numru 1611/2011 tal-Banif Bank Malta Plc (C 41030), wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 1605/2011 fl-ismijiet Vitruvius Limited C 42348 v Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. 'V&C 2', giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma ta` mija tlieta u disghin euro u erbgha u sittin centezmu (€193.64).*

*c) Cedola ta` Depozitu numru 1499/2011 ta` CSJ Limited, wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 1563/2011, fl-ismijiet CSJ Limited (C 40859) v Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), l kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. 'V&C 3', giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma ta` tnax-il elf, hames mija tnejn u sittin euro u erbgha u tletin centezmu (€12,562.34).*

*Illi s-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537) fis-somma ta` wiehed u ghoxrin elf disa` mija u erbgha u tmenin euro u erba` centezmi (€21,984.04) flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-istess ammont b`effett mit-tnejn u ghoxrin ta` Mejju tas-sena elfejn u tnax (22/05/2012), u kif ukoll spejjez gudizzjarji fl-ammont ta` elf seba` mija u disghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,790.87), u dan permezz ta` sentenza moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet V&C Contractors Limited v Marinelli Costruzioni S.p.A, datata tnejn u ghoxrin ta` Mejju elfejn u tnax (22/05/2012), Citazzjoni numru tlett mija u tmienja u ghoxrin barra elfejn u tnax (328/2012). Kopja tas-sentenza u taxxa relattiva hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'V&C 4' u Dok. 'V&C 5'.*

*Illi l-esponenti ottjeniet ukoll il-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Numru elf u tnejn u erbghin barra tnax (1042/12), fl-ismijiet V&C Contractors Limited (C 13748) v Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537), datat sbatax ta` Lulju elfejn u tnax (17/07/2012). Kopja tal-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'V&C 6'.*

*Illi wara li ottjeniet it-titolu ezekuttiv hawn fuq imsemmi, is-socjeta` rikorrenti skriviet Ipoteka Generali bin-numru I9765/2012, insinwata nhar is-sbatax ta` Lulju elfejn u tnax (17/07/2012), kopja ta` liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'V&C 7'.*

*Illi bis-sahha tal-imsemmija Ipoteka Generali s-socjeta` rikorrenti tippregradwa lil kwalsiasi kreditur iehor, u dana skont ma jirrizulta mir-ricerki tas-socjeta` Marinelli Costruzioni S.p.A (OC 537) (hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'V&C8').*

*Illi fuq l-imsemmija depoziti konkorrew kredituri ohra u ghadhom veljanti diversi mandati u ghalhekk il-Qorti baqghet ma ordnatx l-izbank taghhom.*

*Illi s-socjeta` rikorrenti bhala kreditrici tal-imsemmija Marinelli Costruzioni S.p.A tippretendi s-somma ta` wiehed u ghoxriin elf disa` mija u erbgha u tmenin euro u erba` centezmi (€21,984.04) flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-istess ammont b`effett mit-tnejn u ghoxrin ta` Mejju tas-sena elfejn u tnax (22/05/2012), u kif ukoll spejjez gudizzjarji fl-ammont ta` elf seba` mija u disghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,790.87), izda ma tistax tohodha mill-ammonti depozitati fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali ghaliex hemm ohrajn li jippretendu wkoll, jew jidrilhom li ghandhom interess fl-ammonti hemm depozitati b`mod li hemm issa lok ghall-ftuh ta` konkors fuq dawk id-depoziti bejn il-kredituri tal-imsemmija Marinelli Costruzioni S.p.A.*

*Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti, filwaqt li tirrizerva li ggib il-provi kollha ammissibbli skont il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*i) Tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri, ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), fuq id-depoziti li saru permezz tac-Cedoli ta` Depozitu enumerati 115/2013, 1611/2011 u 1499/2011; u*

*ii) Tordna l-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-Artikolu 416 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), bl-abbrevjazzjoni tat-termini minhabba n-natura kummercjali tal-kreditu, u dan skont l-Artikolu 416(3) tal-istess Kap. 12.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet taghha skont l-Art 416 tal-Kap 12.

Rat ir-rikors li pprezentat is-socjeta` Saliba Bros Limited ipprezentat fil-25 ta` Lulju 2014 fejn talbet sabiex tkun ammessa fil-lista ta` kredituri, sabiex tiddikjara li l-kreditu taghha jippregradwa dak ta` kredituri ohra, u sabiex tkun awtorizzata tizbanka l-flus depozitati bic-cedoli in kwistjoni.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` April 2015 fejn *inter alia* kien dikjarat mid-difensuri ta` V & C Contractors Limited u ta` Saliba Bros Limited illi kien hemm qbil kemm dwar l-ammonti dovuti lilhom mid-debitur, kif ukoll dwar il-fatt illi l-kreditu ta` V & C Contractors Limited jippregradwa dak ta` Saliba Brothers Limited.

Rat illi fl-istess udjenza il-kawza thalliet ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghat-28 ta` Mejju 2015.

Rat id-digriet li tat fil-11 ta` Mejju 2015 fejn ordnat s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u fejn idderigiet lill-partijiet u lid-difensuri biex jidhru fl-udjenza tat-28 ta` Mejju 2015 sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar l-applikazzjoni tal-Art 416(1) tal-Kap 12.

Rat it-talba li tat fl-udjenza tat-28 ta` Mejju 2015 fejn laqghet it-talba ta` V & C Contractors Limited sabiex tressaq provi ohra.

Rat in-noti b`dokumenti li pprezentat V & C Contractors Limited.

Rat ir-rikors li pprezentat is-socjeta` AME Health and Safety Services Limited fis-17 ta` Lulju 2015 fejn talbet sabiex tkun ammessa fil-lista ta` l-kredituri u sabiex l-krediti taghha jippregradwaw fuq krediti ohra.

Rat ir-rikors li pprezentat l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta fit-30 ta` Ottubru 2015 fejn talbet li tkun ammessa tikkonkorri.

Rat ir-rikors li pprezenta l-Perit Stephen Buhagiar fil-5 ta` Novembru 2015 fejn talab li jkun ammess jikkonkorri.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2015 fejn iddeterminat illi l-kredituri konkorrenti, b`zieda ma` V & C Contractors Limited u Saliba Bros Limited, kellhom ikunu wkoll lil AME Health and Safety Services Limited, Perit Stephen Buhagiar u l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn hatret lill-Av. Dr. Richard Galea Debono bhala espert sabiex jigbor il-provi kollha li fadal tal-konkorrenti u jirrelata dwar il-gradwazzjoni tal-krediti.

Rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat ir-relazzjoni (u l-atti l-ohra) li pprezenta l-espert ; ir-relazzjoni kienet mahlufa quddiem il-Qorti fl-udjenza tal-11 ta` April 2016.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta` April 2016, id-difensuri tal-konkorrenti ddikjaraw li kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-espert u ddikjaraw li ma kellhomx aktar xi jzidu.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat li ma hemmx ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

## II. Il-konkorrenti

Dak li skatta l-procediment tal-lum kienet il-presentata ta` tliet cedoli ta` depozitu bhala konsegwenza ta` tliet mandati ta` sekwestru. Is-somom depozitati jammontaw komplessivament ghal €40,047.42 (€27,291.39 + €193.69 + €12,562.34).

Wara li kienet finalizzata l-procedura skont l-Art 416 tal-Kap 12, kienu ammessi jikkonkorru ghal dak l-ammont dawn il-persuni :–

1) **V & C Constractors Limited li tat bidu ghall-procediment ;**
2) **Is-socjeta` Saliba Brothers Limited ;**
3) **AME Health and Safety Services Limited ;**
4) **Perit Stephen Buhagiar ; u**
5) **Awtorita` ghat-Trasport f` Malta.**

## III. Ir-relazzjoni tal-espert

### a) Osservazzjonijiet

Fir-relazzjoni, wara li jaghmel riferenza ghall-provi akkwiziti billi jaghmel rassenja fil-qosor ghall-fatti li hargu mill-affidavits u mid-dokumenti korraborattivi, l-espert jaghmel dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward ta` kull wiehed mill-krediti tal-konkorrenti :-

### 1. V & C Contractors Limited

"*Minn ezami tal-atti jirrizulta illi dawn ic-cifri* (ammontanti ghal EUR 30,604.95c) *huma korretti u ghalhekk isegwi illi dan il-kreditu ghandu jkun ammess, u dana b`riserva ghal kull imghax ulterjuri sal-eventwali zbank. Dan il-konkorrent ukoll jivvanta iskrizzjoni ipotekarja li hi ipoteka generali ghas-sorte u spejjez fuq riferiti u din iggib in-numru tal-insinwa 19765/2012.*"

**2. <u>Saliba Bros Limited</u>**

"*Minn ezami tal-atti jirrizulta illi dawn ic-cifri* (ammontanti ghal EUR36,347.86c) *huma korretti u ghalhekk isegwi illi dan il-kreditu ghandu jkun ammess, u dana b`riserva ghal kull imghax ulterjuri sal-eventwali zbank. Dan il-konkorrent ukoll jivvanta iskrizzjoni ipotekarja li hi ipoteka generali ghas-sorte u spejjez fuq riferiti u din iggib in-numru tal-insinwa 3789/2013.*"

**3. <u>Awtorita` ghat-Trasport f`Malta</u>**

"*Din l-Awtorita` tivvanta kreditu illi mhux titolu ezekuttiv kontra d-debitrici minhabba li l-ittra ufficjali skond l-artikolu 166A tal-Kap 12, 2722/2013 qatt ma giet notifikat. Il-kreditu preiz huwa ta` EUR 294. Il-kreditu hu kirografarju.*"

**4. <u>AME Health and Safety Services Limited</u>**

"*Din is-socjeta` tivvanta titolu ezekuttiv li jirrisali ghall-ittra ufficjali bin-numru 1490/2014 li giet reza ezekuttiva. Il-kreditu jammonta ghal 4,032.55 inkluz il-VAT. Il-kreditu hu kirografarju.*"

**5. <u>Perit Stephen Buhagiar</u>**

"*Dan il-kreditur konkorrent jivvanta titolu li jirrisali ghall-ittra ufficjali bin-numru 62/2012 li gie reza ezekuttiva. Il-kreditu jammonta ghal EUR 15,810.84c inkluz il-VAT. Il-kreditu hu kirografarju.*"

**b) <u>Pregradwazzjoni</u>**

Wara li kkostata li ebda wiehed mill-konkorrenti ma ghamel opposizzjoni ghall-pretensjonijiet tal-konkorrenti l-ohra, ippropona l-pregradwazzjoni segwenti :-

**Fl-ewwel grad** :

V & C Contractors Limited, ghall-ispejjez gudizzjarji relatati ma` dan il-konkors, liema spejjez ghadhom iridu jigu ntaxxati ;

**Fit-tieni grad** :

V & C Contractors Limited ghas-somma ta` €30,604.95, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta` Marzu 2016 fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju isir finali u ghalhekk il-kreditur ikun jista` jizbanka minnufih ;

**Fit-tielet grad** :

Saliba Brothers Limited ghas-somma ta` €36,347.86, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta` Marzu 2016 fuq is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju isir finali u ghalhekk il-kreditur ikun jista` jizbanka minnufih ;

**Fir-raba` grad** :

il-kredituri l-ohra kollha pro rata, b`dana illi minhabba li t-tliet cedoli ma fihomx fondi sufficjenti biex jithallas il-kreditu fit-tielet grad, u li ghalhekk dan ser jibqa` parzjalment insodisfatt, dawn il-kredituri kirografarji mhux ser jithallsu minn dawn ic-cedoli.

## IV. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-ghan ta` konkors ta` kredituri huwa li jistabilixxi liema kreditu jippregradwa fil-konfront ta` iehor. Kawza ta` preferenza trid tkun validament registrata skont il-ligi. Barra minn dan, konkors ta` kredituri jintemm b`sentenza ta` qorti. Wara li ssir analizi tas-sahha legali tad-diversi krediti, anke mill-punto di visto ta` pregradwazzjoni, il-Qorti tipprovdi konformement.

Dan premess, fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-procedura stabbilita fl-Art 416 tal-Kap 12 kienet debitament osservata. Ghalkemm ghall-bidu, zewg kredituri biss talbu li jkunu ammessi jikkonkorru, talba li kienet akkordata mill-Qorti, aktar tard in linea ma` dak li jrid l-Art 416(1) tal-Kap 12, kienu ammessi tliet kredituri ohra, wara talba taghhom, bl-adezjoni espressa tal-ewwel zewg konkorrenti. B`hekk kien sodisfatt dak li jrid l-Art 416(1) tal-Kap 12 illi l-konkors huwa miftuh ghal *izjed minn zewg persuni* li *jippretendu jeddijiet aqwa minn ta` haddiehor jew qabilhom.*

**Din il-Qorti tikkondividi u taghmel taghha l-kostatazzjonijiet, l-osservazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-espert ghall-finijiet tad-decizjoni tal-lum, billi jirriflettu korrettement l-assjem tal-provi akkwiziti fl-isfond tad-dritt applikabbli ghall-kaz.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-konkors billi –**

**Tiddikjara li l-ammont shih ta` flus li kienu depozitati taht l-awtorita` taghha permezz ta` Cedola ta` Depozitu Numru 115/2013, permezz ta` Cedola ta` Depozitu Numru 1611/2011 u permezz ta` Cedola ta` Depozitu Numru 1499/2011 ghandu jservi sabiex :-**

**Tithallas l-ewwel is-socjeta` V & C Contractors Limited (C13748) tas-sorte, ta` l-imghax legali, ta` l-ispejjez gudizzjarji u tal-VAT relattiv dovuti lilha skont is-sentenza ta` din il-Qorti tat-22 ta` Mejju 2012 fil-kawza fl-ismijiet *V & C Contractors Limited vs Marinelli Construzioni S.p.A (Citaz Nru 328/2012/ AF)*;**

**Tithallas it-tieni s-socjeta` Saliba Bros Limited (C2295) il-bilanc li jifdal, sabiex ikun sodisfatt parzjalment il-kreditu taghha.**

**Tiddikjara illi, wara li se jkunu thallsu V & C Contractors Limited (C13748) u Saliba Bros Limited (C2295) kif fuq inghad, ma se jifdal xejn biex jithallas il-bqija tal-kreditu ta` Saliba Bros Limited (C2295) u l-krediti tal-kredituri konkorrenti l-ohra, u ghalhekk dawk il-krediti sejrin jibqghu nsodisfatti.**

**Tordna lil V & C Contractors Limited (C13748) sabiex thallas l-ispejjez ta` dan il-procediment, liema spejjez ghandhom fl-intier taghhom jippregradwaw fl-ewwel grad.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**